



Brussell, 12 ta' Diċembru 2022  
(OR. en)

**15067/22**

---

**Fajl Interistituzzjonal:**  
**2022/0381 (NLE)**

---

**UD 259**

### **ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2283 li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali

---

## **REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2022/...**

**ta' ...**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2283 li jiftaħ u jiprovdi għall-ġestjoni  
ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni  
għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali**

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Sabiex tīgi żgurata provvista suffiċjenti u mingħajr interruzzjoni ta' ċerti prodotti agrikoli u industrijali li mhumiex prodotti fi kwantitajiet suffiċjenti fl-Unjoni u b'hekk jiġi evitat kwalunkwe disturb fis-suq għal dawk il-prodotti, il-kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni ("kwoti") infetħu bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2283<sup>1</sup>. F'dawk il-kwoti, il-prodotti jistgħu jiġi importati fl-Unjoni b'rati tad-dazju żero jew imnaqqsa.
- (2) Billi huwa fl-interess tal-Unjoni li tiżgura provvista adegwata ta' ċerti prodotti industrijali, u filwaqt li jitqies il-fatt li dawk il-prodotti identiċi, ekwivalenti jew ta' sostituzzjoni mhumiex prodotti fi kwantitajiet suffiċjenti fl-Unjoni, huwa neċessarju li jinfetħu kwoti tariffarji ġodda bin-numri tal-ordni 09.2921, 09.2922, 09.2923, 09.2924, 09.2925, 09.2926, 09.2927 u 09.2931 b'rati tad-dazju żero għal kwantitajiet xierqa ta' dawk il-prodotti.
- (3) Peress li l-kamp ta' applikazzjoni tal-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.2723 u 09.2763 ma għadux adegwat biex jissodisfa l-ħtiġjiet tal-operaturi ekonomiċi fl-Unjoni, id-deskrizzjoni tal-prodotti koperti minn dawk il-kwoti jenħtieġ li tīgħi emdata. Għalhekk l-indikazzjoni tal-kodiċi TARIC applikabbli għal dawk il-prodotti jenħtieġ li jiġi emmendati.
- (4) Peress li huwa fl-interess tal-Unjoni li tiżgura provvista adegwata ta' ċerti prodotti industrijali, il-volumi tal-kwoti bin-numri tal-ordni 09.2563, 09.2682, 09.2828 u 09.2854 jenħtieġ li jiżdiedu.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2283 tal-20 ta' Diċembru 2021 li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1388/2013 (ĠU L 458, 22.12.2021, p. 33).

- (5) Peress li l-kapaċità tal-produzzjoni tal-Unjoni għal ċerti prodotti industrijali żdiedet, il-volumi tal-kwoti bin-numri tal-ordni 09.2575 u 09.2913 jenħtieġ li jitnaqqsu.
- (6) Għall-kwoti bin-numri tal-ordni 09.2583, 09.2819, 09.2839 u 09.2855, il-perjodu tal-kwoti jenħtieġ li jiġi estiż u l-volum tal-kwoti jenħtieġ li jiġi adattat fuq bażi annwali, peress li l-kwoti nfetħu għal perjodu ta' sitt xhur biss u għadu fl-interess tal-Unjoni li jinżammu.
- (7) Peress li ma għadux fl-interess tal-Unjoni li jinżammu l-kwoti bin-numri tal-ordni 09.2003, 09.2576, 09.2577, 09.2592, 09.2650, 09.2673, 09.2688, 09.2694, 09.2708, 09.2710, 09.2734, 09.2799, 09.2829, 09.2866 u 09.2880, dawn jenħtieġ li jingħalqu b'effett mill-1 ta' Jannar 2023.
- (8) Ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u r-Russja marru għall-agħar f-dawn l-aħħar snin, partikolarment minħabba n-nuqqas ta' rispett tar-Russja għad-dritt internazzjonali u l-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tagħha kontra l-Ukrajna. Fis-6 ta' Ottubru 2022, il-Kunsill adotta t-tmien pakkett ta' sanzjonijiet kontra r-Russja minħabba l-gwerra ta' aggressjoni kontinwa tagħha kontra l-Ukrajna u l-atroċitajiet irrapportati li twettqu mill-forzi armati Russi fl-Ukrajna.

- (9) Filwaqt li r-Russja hija membru tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), l-Unjoni tista' sserraħ fuq l-eċċeżżjonijiet li japplikaw skont il-Ftehim li Jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (il-“Ftehim tad-WTO”), u b'mod partikolari l-Artikolu XXI tal-Ftehim Ĝeneralu dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994, b'mod partikolari fir-rigward tal-obbligu li l-prodotti importati mir-Russja jingħataw il-vantaġġi mogħtija lil prodotti simili importati minn pajjiżi oħra (it-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit).
- (10) Fid-dawl tad-deterjorament tar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u r-Russja, sabiex tiġi żgurata l-koerenza mal-azzjonijiet u l-prinċipji tal-Unjoni fil-qasam tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, ma jixraqx għalhekk li l-prodotti li joriġinaw mir-Russja jitħallew igawdu minn trattament mingħajr dazju u trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit fir-rigward tal-prodotti koperti minn dan ir-Regolament. Għalhekk, huwa neċessarju li jitneħħew il-kwoti rispettivi għal-dawk il-prodotti.
- (11) Ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u l-Belarussja marru għall-agħar f'dawn l-aħħar snin, minħabba n-nuqqas ta' rispettar tar-reġim tal-Belarussja għad-dritt internazzjonali, id-drittijiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem. Barra minn hekk, il-Belarussja appoġġat b'mod estensiv il-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna mill-bidu nett tagħha.

- (12) Minn Ottubru 2020, l-Unjoni imponiet progressivament miżuri restrittivi kontra l-Belorussja minħabba abbużi kontinwi tad-drittijiet tal-bniedem, l-strumentalizzazzjoni tal-migranti u l-involviment tal-Belorussja fil-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Peress li l-Belorussja mhijiex membru tad-WTO, l-Unjoni mhijiex obbligata, bir-Regolament tad-WTO, li tagħti t-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit lill-prodotti mill-Belorussja. Barra minn hekk, il-ftehimiet kummerċjali jippermetti li jittieħdu ċerti azzjonijiet li huma ġġustifikati abbażi tal-klawżoli ta' eċċeazzjoni applikabbli, b'mod partikolari eċċeazzjonijiet ta' sigurtà.
- (13) Fid-dawl tad-deterjorament tar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u l-Belorussja, sabiex tiġi żgurata l-koerenza mal-azzjonijiet u l-prinċipji tal-Unjoni fil-qasam tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, ma jixraqx għalhekk li l-prodotti li joriġinaw mill-Belorussja jitħallew igawdu minn trattament mingħajr dazju u trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit fir-rigward tal-prodotti koperti minn dan ir-Regolament. Għalhekk, huwa neċessarju li jitneħħew il-kwoti rispettivi għal dawk il-prodotti.

- (14) Madankollu, sabiex tīgi żgurata provvista xierqa u jiġu evitati disturbi serji f'xi swieq tal-Unjoni, huwa neċċesarju li jinżammu l-kwoti bin-numri tal-ordni 09.2600, 09.2742, 09.2698 u 09.2835 għal ċerti prodotti li joriġinaw fir-Russja li jaqgħu taħt il-kodiċijiet TARIC 2712 90 39 10, 2926 10 00 10, 3204 17 00 30 u 7604 29 10 30, rispettivament. Dawk il-prodotti rrappreżentaw aktar minn 50 % tal-valur totali tal-importazzjonijiet lejn l-Unjoni mis-sena 2019 sal-2021, bl-ebda fornitur alternattiv jew b'għadd limitat minn pajjiżi terzi oħra. Il-valur ta' dawk l-importazzjonijiet jindika li l-operaturi tal-industrija tal-Unjoni jiddependu ħafna fuq dawk l-importazzjonijiet u li t-tnejħħija tal-kwoti tikkawża tbatija sproporzjonata għal dawk l-operaturi.
- (15) Għalhekk, it-tnejħħija tas-sospensjoni tad-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni (“TDK”) għal ċerti prodotti li joriġinaw mir-Russja jew mill-Belorussja hija xierqa u permessa, bl-applikazzjoni tal-Artikolu XXI tal-GATT 1994 u tar-Regoli Ġenerali dwar id-dazji stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Ewwel Parti, it-Taqsima I, il-Parti B, il-punt 1, tiegħu.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

- (16) Kif indikat mill-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha tat-13 ta' Diċembru 2011 rigward is-sospensjonijiet u l-kwoti tariffarji awtonomi (il-“komunikazzjoni”), l-għoti tal-kwoti jikkostitwixxi eċċeżżjoni tal-applikazzjoni tad-dazji TDK. L-introduzzjoni mill-ġdid ta’ tali dazji TDK għall-importazzjonijiet li joriġinaw fir-Russja jew fil-Belarussja għalhekk tikkostitwixxi ritorn għan-normalità. Għalhekk, it-tnejħija limitata tal-kwoti għal ċerti prodotti li joriġinaw mir-Russja jew mill-Belarussja mhijiex miżura restrittiva jew projbittiva, iżda l-għan tagħha huwa li tipprevjeni lil dawk il-pajjiżi milli jibbenfikaw indirettament minn miżura unilaterali tal-Unjoni, u tiżgura l-koerenza ġenerali tal-azzjonijiet tal-Unjoni.
- (17) Għalhekk ir-Regolament (UE) 2021/2283 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (18) Sabiex tīgi evitata kwalunkwe interruzzjoni fl-applikazzjoni tal-iskema tal-kwoti u biex ikun hemm konformità mal-linji gwida stabbiliti fil-komunikazzjoni, il-bidliet previsti f'dan ir-Regolament rigward il-kwoti tariffarji għall-prodotti kkonċernati jenħtieġ li jaapplikaw mill-1 ta' Jannar 2023. Għalhekk jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

## *Artikolu 1*

Ir-Regolament (UE) 2021/2283 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, jinġdied il-paragrafu li ġej:

“4. Is-sospensjoni stipulata fil-paragrafu 2 ma tapplikax għal prodotti li joriġinaw fir-Russja, bl-eċċeżżjoni tan-numri tal-ordni tal-kwota 09.2600, 09.2742, 09.2698 u 09.2835, jew fil-Belarussja.”;

(2) l-Anness huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċċali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

ANNESS

“ANNESS

Nru tal-Ordni	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Il-perjodu tal-kwota	L-ammont tal-kwota	Rata tal-kwota tad-dazju
09.2849	ex 0710 80 69	10	Faqqiegħ tal-ispeċi <i>Auricularia polytricha</i> (mhux imsajjar jew imsajjar bil-fwar jew bit-tgħollija), iffriżat, għall-produzzjoni tal-ikliet ippreparati minn qabel <sup>(1)(2)</sup>	1.1.-31.12.	700 tunnellata	0 %
09.2664	ex 2008 60 39	30	Ċirasa ġelwa li fiha spirtu miżjud, b'kontenut ta' zokkor ta' mhux aktar minn 9 % skont il-piż, ta' dijametru ta' mhux aktar minn 19,9mm bl-għadma, għall-użu fi prodotti taċ-ċikkulata <sup>(1)</sup>	1.1.-31.12.	1 000 tunnellata	10 %
09.2925	ex 2309 90 31 ex 2309 90 31 ex 2309 90 96 ex 2309 90 96	41 49 41 49	tal-ġhalf, li jikkonsisti fuq bażi ta' piż xott ta': – 68 % jew aktar, iżda mhux aktar minn 80 % ta' sulfat tal-L-liżina, u – mhux aktar minn 32 % ta' komponenti oħra bħal karboidrati u aċidi amminiċi oħrajn	1.1.-31.12.	100 000 tunnellata	0 %

Nru tal-Ordni	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Il-perjodu tal-kwota	L-ammont tal-kwota	Rata tal-kwota tad-dazju
09.2913	ex 2401 10 35 ex 2401 10 70 ex 2401 10 95 ex 2401 10 95 ex 2401 10 95 ex 2401 20 35 ex 2401 20 70 ex 2401 20 95 ex 2401 20 95 ex 2401 20 95	91 10 11 21 91 91 10 11 21 91	Tabakk naturali mhux iproċessat, kemm jekk imqatta' għal daqs regolari, kif ukoll jekk le, b'valur doganali ta' mhux anqas minn 450 euro kull 100 kg piż nett, għall-użu bħala binder jew imballaġġ għall-manifattura ta' oġġett li jaqgħu taħt is-sottointestatura 2402 10 00 <sup>(1)</sup>	1.1.-31.12.	3 000 tunnellata	0 %
09.2828	2712 20 90		Xema' bajda (tal-parafina) li fiha anqas minn 0,75 % żejt skont il-piż	1.1.-31.12.	140 000 tunnellata	0 %
09.2600	ex 2712 90 39	10	Slack wax (CAS RN 64742-61-6)	1.1.-31.12.	100 000 tunnellata	0 %

Nru tal-Ordni	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Il-perjodu tal-kwota	L-ammont tal-kwota	Rata tal-kwota tad-dazju
09.2578	ex 2811 19 80	50	Aċidu sulfamidiku (CAS RN 5329-14-6) b'purità skont il-piż ta' 95 % jew aktar, kemm jekk b'żieda ta' mhux aktar minn 5 % tal-antiagglomerant diossidu tas-siliċju (CAS RN 112926-00-8) u kemm jekk le	1.1.-31.12.	27 000 tunnellata	0 %
09.2928	ex 2811 22 00	40	Materjal tal-mili tas-silika, f'forma ta' granuli, b'kontenut minimu ta' diossidu tas-silikonju, skont il-piż, ta' 97 %	1.1.-31.12.	1 700 tunnellata	0 %
09.2806	ex 2825 90 40	30	Trijossidu tat-tangsten, inkl. ossidu tat-tangst. blu (CAS RN 1314-35-8 jew CAS RN 39318-18-8)	1.1.-31.12.	12 000 tunnellata	0 %
09.2819	ex 2833 25 00	30	Sulfat tal-idrossidu tar-ram ( $Cu_4(OH)_6(SO_4)$ ), idrat (CAS RN 12527-76-3) b'purità skont il-piż ta' 98 % jew aktar	1.1.-31.12.	240 000 kg	0 %
09.2872	ex 2833 29 80	40	Sulfat taċ-ċesju (CAS RN 10294-54-9) f'forma solida jew bħala soluzzjoni milwiema li fiha piż skont il-piż ta' aktar minn 48 % ta' sulfat taċ-ċesju iżda mhux aktar minn 52 %	1.1.-31.12.	400 tunnellata	0 %
09.2567	ex 2903 22 00	10	Trikloroetilene (CAS RN 79-01-6) b'purità skont il-piż ta' 99 % jew aktar	1.1.-31.12.	11 885 000 kg	0 %

Nru tal-Ordni	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Il-perjodu tal-kwota	L-ammont tal-kwota	Rata tal-kwota tad-dazju
09.2837	ex 2903 79 30	20	Bromoklorometanu (CAS RN 74-97-5)	1.1.-31.12.	600 tunnellata	0 %
09.2933	ex 2903 99 80	30	1,3-Dichlorobenzene (CAS RN 541-73-1)	1.1.-31.12.	2 600 tunnellata	0 %
09.2700	ex 2905 12 00	10	Propan-1-ol(alkoħol propiliku) (CAS RN 71-23-8)	1.1.-31.12.	15 000 tunnellata	0 %
09.2830	ex 2906 19 00	40	Ċiklopropilmetanol (CAS RN 2516-33-8)	1.1.-31.12.	20 tunnellata	0 %
09.2851	ex 2907 12 00	10	O-cresol (CAS RN 95-48-7) b'purezza ta' mhux anqas minn 98.5 % skont il-piż	1.1.-31.12.	20 000 tunnellata	0 %
09.2704	ex 2909 49 80	20	2,2,2',2'- tetrakis(idrossimetil)-3,3'- ossidipropan-1-ol (CAS RN 126-58-9)	1.1.-31.12.	500 tunnellata	0 %
09.2565	ex 2914 19 90	70	Aċetilaċetonat tal-kalċju (CAS RN 19372-44-2) b'purità skont il-piż ta' 95 % jew aktar	1.1.-31.12.	400 tunnellata	0 %
09.2852	ex 2914 29 00	60	Cyclopropyl methyl ketone (CAS RN 765-43-5)	1.1.-31.12.	300 tunnellata	0 %

Nru tal-Ordni	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Il-perjodu tal-kwota	L-ammont tal-kwota	Rata tal-kwota tad-dazju
09.2638	ex 2915 21 00	10	Aċtu aċetiku (CAS RN 64-19-7) b'purità skont il-piż ta' 99 % jew aktar	1.1.-31.12.	1 000 000 tunnellata	0 %
09.2679	2915 32 00		Aċetat tal-Vinil (CAS RN 108-05-4)	1.1.-31.12.	450 000 tunnellata	0 %
09.2728	ex 2915 90 70	85	Etil trifluworoaċetat (CAS RN 383-63-1)	1.1.-31.12.	400 tunnellata	0 %
09.2665	ex 2916 19 95	30	(E,E)-Eż-a-2,4-dienoat tal-potassju (CAS RN 24634-61-5)	1.1.-31.12.	8 250 tunnellata	0 %
09.2684	ex 2916 39 90	28	Klorur ta' 2,5-dimetilfenilaċetyl (CAS RN 55312-97-5)	1.1.-31.12.	700 tunnellata	0 %
09.2599	ex 2917 11 00	40	Ossalat tad-dietil (CAS RN 95-92-1)	1.1.-31.12.	500 tunnellata	0 %
09.2769	ex 2917 13 90	10	Dimethyl sebacate (CAS RN 106-79-6)	1.1.-31.12.	1 000 tunnellata	0 %
09.2634	ex 2917 19 80	40	Aċidu dodekandiojku (CAS RN 693-23-2), b'purità ta' aktar minn 98,5 % skont il-piż	1.1.-31.12.	8 000 tunnellata	0 %

Nru tal-Ordni	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Il-perjodu tal-kwota	L-ammont tal-kwota	Rata tal-kwota tad-dazju
09.2808	ex 2918 22 00	10	Aċtu o-aċetisaliċiliku (CAS RN 50-78-2)	1.1.-31.12.	120 tunnellata	0 %
09.2646	ex 2918 29 00	75	<p>Ottadeċil 3-(3,5-di-terz-butil-4-idrossifenil)propjonat (CAS RN 2082-79-3):</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>– bi frazzjoni ta' mogħdija minn għarbiel b'malji ta' 500 µm ta' aktar minn 99 % skont il-piż u</li> <li>– b'temperatura tat-tidwib ta' 49°C jew aktar, iżda mhux aktar minn 54 C</li> </ul> <p>biex jintuża fil-manifattura ta' pakketti singoli ta' stabilizzaturi għall-ipproċessar tal-PVC abbażi ta' taħlitiet tat-trab (trabijiet jew granuli)<sup>(1)</sup></p>	1.1.-31.12.	380 tunnellata	0 %

Nru tal-Ordni	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Il-perjodu tal-kwota	L-ammont tal-kwota	Rata tal-kwota tad-dazju
09.2647	ex 2918 29 00	80	<p>Tetrakis(3-(3,5-di-tert-butil-4-idrossifenil)propjonat) tal-pentaerititol (CAS RN 6683-19-8)</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>– bi frazzjoni ta' mogħdija minn għarbiel b'malji ta' 250 µm ta' aktar minn 75 % skont il-piż u b'malji ta' 500 µm ta' mhux aktar minn 99 % skont il-piż, u</li> <li>– b'temperatura tat-tidwib ta' 110 °C jew aktar, iżda mhux aktar minn 125 °C,</li> </ul> <p>biex jintuża fil-manifattura ta' pakketti ta' stabilizzatur wieħed għall-ipproċessar tal-PVC ibbażati fuq taħlitiet tat-trab (trabijiet jew granuli)<sup>(1)</sup></p>	1.1.-31.12.	140 tunnellata	0 %
09.2975	ex 2918 30 00	10	Benzophenone-3,3',4,4'-tetracarboxylic dianhydride (CAS RN 2421-28-5)	1.1.-31.12.	1 000 tunnellata	0 %
09.2598	ex 2921 19 99	75	Ottadeċilammina (CAS RN 124-30-1)	1.1.-31.12.	400 tunnellata	0 %
09.2649	ex 2921 29 00	60	Bis(2-dimetilaminoetil)(metil)ammina (CAS RN 3030-47-5)	1.1.-31.12.	1 700 tunnellata	0 %
09.2682	ex 2921 41 00	10	Anilina (CAS RN 62-53-3) ta' purità ta' 99 % jew aktar skont il-piż	1.1.-31.12.	220 000 tunnellata	0 %

Nru tal-Ordni	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Il-perjodu tal-kwota	L-ammont tal-kwota	Rata tal-kwota tad-dazju
09.2617	ex 2921 42 00	89	4-Fluoro-N-(1-metiletil)benżeneammina (CAS RN 70441-63-3)	1.1.-31.12.	500 tunnellata	0 %
09.2602	ex 2921 51 19	10	o-phenylenediamine (CAS RN 95-54-5)	1.1.-31.12.	1 800 tunnellata	0 %
09.2921	ex 2922 19 00	22	akrilat ta' 2-(dimetilammino)etil (CAS RN 2439-35-2) b'purità skont il-piż ta' 99 % jew aktar	1.1.-31.12.	14 000 tunnellata	0 %
09.2563	ex 2922 41 00	20	L-Kloridrat tal-Liżina (CAS RN 657-27-2) jew soluzzjoni milwiema tal-Liżina (CAS RN 56-87-1), li fiha skont il-piż 50 % jew aktar ta' L-liżina	1.1.-31.12.	300 000 tunnellata	0 %
09.2575	ex 2923 90 00	87	Klorur tat-3-kloro-2-idrossipropil)trimetilammonju (CAS RN 3327-22-8), fil-forma ta' soluzzjoni milwiema li fiha skont il-piż 65 % jew aktar iżda mhux aktar minn 71 % klorur tat-3-kloro-2-idrossipropil)trimetilammonju	1.1.-31.12.	12 000 tunnellata	0 %
09.2922	ex 2923 90 00	88	Soluzzjoni milwiema li fiha, skont il-piż, 78 % jew aktar iżda mhux aktar minn 82 % ta' klorur ta' [2-(akrilojlossi)etil]trimetilammonju (CAS RN 44992-01-0)	1.1.-31.12.	10 000 tunnellata	0 %
09.2854	ex 2924 19 00	85	3-jodoprop-2-in-1-ilbutilkarbamat (CAS RN 55406-53-6)	1.1.-31.12.	450 tunnellata	0 %

Nru tal-Ordni	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Il-perjodu tal-kwota	L-ammont tal-kwota	Rata tal-kwota tad-dazju
09.2874	ex 2924 29 70	87	Paracetamol (INN) (CAS RN 103-90-2)	1.1.-31.12.	20 000 tunnellata	0 %
09.2742	ex 2926 10 00	10	Akrilonitril (CAS RN 107-13-1), għall-użu fil-manifattura ta' oġġetti tal-kapitolu 55 u l-intestatura 6815 <sup>(1)</sup>	1.1.-31.12.	60 000 tunnellata	0 %
09.2583	ex 2926 10 00	30	Akrilonitril (CAS RN 107-13-1), għall-użu fil-manifattura ta' oġġetti tal-intestaturi 2921, 2924, 3903, 3906, 3908, 3911 and 4002 <sup>(1)</sup>	1.1.-31.12.	40 000 tunnellata	0 %
09.2856	ex 2926 90 70	84	2-Nitro-4-(trifluoromethyl)benzonitrile (CAS RN 778-94-9)	1.1.-31.12.	900 tunnellata	0 %
09.2581	ex 2929 10 00	25	Diisoċjanat ta' 1,5-naftilen (CAS RN 3173-72-6) b'purità ta' 90 % jew aktar skont il-piż	1.1.-31.12.	300 tunnellata	0 %
09.2685	ex 2929 90 00	30	Nitrogwanidina (CAS RN 556-88-7)	1.1.-31.12.	6 500 tunnellata	0 %
09.2597	ex 2930 90 98	94	Bis[3-(triethoxsilil)propyl]disulfur (CAS RN 56706-10-6)	1.1.-31.12.	6 000 tunnellata	0 %
09.2596	ex 2930 90 98	96	Aċidu 2-kloro-4-(metilsulfonil)-3-((2,2,2-trifluoroethoxy)metil) benzojku (CAS RN 120100-77-8)	1.1.-31.12.	300 tunnellata	0 %
09.2580	ex 2931 90 00	75	Ezadeciltrimetoxsilan (CAS RN 16415-12-6) b'purità skont il-piż ta' mill-anqas 95 %, għall-użu fil-manifattura tal-polietilen <sup>(1)</sup>	1.1.-31.12.	165 tunnellata	0 %

Nru tal-Ordni	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Il-perjodu tal-kwota	L-ammont tal-kwota	Rata tal-kwota tad-dazju
09.2842	2932 12 00		2-Furaldeide (furfuraldeide)	1.1.-31.12.	10 000 tunnellata	0 %
09.2696	ex 2932 20 90	25	Dekan-5-olid (CAS RN 705-86-2)	1.1.-31.12.	6 000 kg	0 %
09.2697	ex 2932 20 90	30	Dodekan-5-olid (CAS RN 713-95-1)	1.1.-31.12.	6 000 kg	0 %
09.2812	ex 2932 20 90	77	Hexan-6-olide (CAS RN 502-44-3)	1.1.-31.12.	4 000 tunnellata	0 %
09.2858	2932 93 00		Piperonal (CAS RN 120-57-0)	1.1.-31.12.	220 tunnellata	0 %
09.2839	ex 2933 39 99	09	2-(2-Piridil)etanol (CAS RN 103-74-2) b'purità skont il-piż ta' 99 % jew aktar	1.1.-31.12.	700 tunnellata	0 %
09.2860	ex 2933 69 80	30	1,3,5-Tris[3-(dimethylamino)propyl]hexahydro-1,3,5-triazine (CAS RN 15875-13-5)	1.1.-31.12.	600 tunnellata	0 %
09.2566	ex 2933 99 80	05	1,4,7,10-Tetraazacyclododecane (CAS RN 294-90-6) b'purità skont il-piż ta' 96 % jew aktar	1.1.-31.12.	60 tunnellata	0 %

Nru tal-Ordni	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Il-perjodu tal-kwota	L-ammont tal-kwota	Rata tal-kwota tad-dazju
09.2658	ex 2933 99 80	73	5-(Acetoacetylamino)benzimidazolone (CAS RN 26576-46-5)	1.1.-31.12.	400 tunnellata	0 %
09.2593	ex 2934 99 90	67	5-Klorotijofen-2-aċidu karbossiliku (CAS RN 24065-33-6)	1.1.-31.12.	45 000 kg	0 %
09.2675	ex 2935 90 90	79	4-[[(2-metossibenżojl)ammino]sulfonil]-klorurtal-benżojl (CAS RN 816431-72-8)	1.1.-31.12.	1 000 tunnellata	0 %
09.2945	ex 2940 00 00	20	D-Xylose (CAS RN 58-86-6)	1.1.-31.12.	400 tunnellata	0 %
09.2686	ex 3204 11 00	75	Koloranti C.I. Disperse Yellow 54 (CAS RN 7576-65-0 ) u preparazzjonijiet ibbażati fuqhom ma' kolorant C.I. Disperse Yellow 54 kontenut ta' 99 % jew aktar skont il-piż	1.1.-31.12.	250 tunnellata	0 %
09.2676	ex 3204 17 00	14	Preparazzjonijiet ibbażati fuq Koloranti C.I. Pigment Red 48:2 (CAS RN 7023-61-2) b'kontenut ta' 60 % jew aktar, iżda b'inqas minn 85 % skont il-piż	1.1.-31.12.	50 tunnellata	0 %
09.2698	ex 3204 17 00	30	Kolorant C.I. Pigment Red 4 (CAS RN 2814-77-9) u preparazzjonijiet ibbażati fuqu b'kontenut ta' 60 % jew aktar tal-Kolorant C.I. Pigment Red 4 skont il-piż	1.1.-31.12.	150 tunnellata	0 %

Nru tal-Ordni	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Il-perjodu tal-kwota	L-ammont tal-kwota	Rata tal-kwota tad-dazju
09.2659	ex 3802 90 00	19	Trab tad-dijatomi kalċinat fil-fluss tas-soda	1.1.-31.12.	35 000 tunnellata	0 %
09.2908	ex 3804 00 00	10	Linjosulfonat tas-sodju (CAS RN 8061-51-6)	1.1.-31.12.	40 000 tunnellata	0 %
09.2889	3805 10 90		Termentina tas-sulfat	1.1.-31.12.	25 000 tunnellata	0 %
09.2935	ex 3806 10 00	10	Resin u aċidi tar-resin miksuba minn oleoresins friski	1.1.-31.12.	280 000 tunnellata	0 %
09.2832	ex 3808 92 90	40	Taħlita li jkollha 38 % jew aktar imma mhux aktar minn 50 % skont il-piż taż-żingu piritijon (INN) (CAS RN 13463-41-7) f'dispersjoni milwiema	1.1.-31.12.	500 tunnellata	0 %

Nru tal-Ordni	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Il-perjodu tal-kwota	L-ammont tal-kwota	Rata tal-kwota tad-dazju
09.2923	ex 3808 94 20	40	<p>Soluzzjoni milwiema li tinkludi skont il-piż:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>– 10,0 % jew aktar iżda mhux aktar minn 11,3 % ta' 5-kloro-2-metil-2H-isotijażol-3-on,</li> <li>– 3,0 % jew aktar iżda mhux aktar minn 4,1 % ta' 2-metil-2H-isotijażol-3-on,</li> <li>– konċentrazzjoni kkombinata ta' isotijażoloni (CAS RN 55965-84-9) ta' 13,0 % jew aktar iżda mhux aktar minn 15,4 %,</li> <li>– 18 % jew aktar, iżda mhux aktar minn 22 % ta' nitrati, ikkalkulati bħala nitrat tas-sodju, u,</li> <li>– 5 % jew aktar, iżda mhux aktar minn 8 % ta' kloruri, ikkalkulati bħala klorur tas-sodju</li> </ul>	1.1.-31.12.	3 000 tunnellata	0 %

Nru tal-Ordni	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Il-perjodu tal-kwota	L-ammont tal-kwota	Rata tal-kwota tad-dazju
09.2926	ex 3811 21 00	31	<p>Addittiv li jikkonsisti essenzjalment f' :</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>– Aċidu fosforoditijojku, esteri mħalltin O, O-bis (isobutil u pentil), imluħa taż-żingu (CAS RN 68457-79-4),</li> <li>– 8 % skont il-piż jew aktar iżda mhux aktar minn 15 % skont il-piż jew aktar ta' żejt minerali</li> </ul> <p>użat fil-manifattura ta' taħlilitet ta' addittivi għal żjut lubrikanti<sup>(1)</sup></p>	1.1.-31.12.	700 tunnellata	0 %
09.2876	ex 3811 29 00	57	<p>Additivi li jikkonsistu fi prodotti tar-reazzjoni ta' difenilammina u noneni ramifikati bi:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>– aktar minn 20 % iżda mhux aktar minn 50 % skont il-piż 4-monononildifenilammina, u</li> <li>– aktar minn 50 % iżda mhux aktar minn 80 % skont il-piż 4,4'-dinonildifenilammina,</li> <li>– il-perċentwal totali ta' 2,4-dinonildifenilammina u 2,4'-dinonildifenilammina li ma jaqbix 15 % skont il-piż,</li> </ul> <p>użati għall-manifattura taż-żjut lubrifikan<sup>(1)</sup></p>	1.1.-31.12.	900 tunnellata	0 %

Nru tal-Ordni	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Il-perjodu tal-kwota	L-ammont tal-kwota	Rata tal-kwota tad-dazju
09.2927	ex 3811 29 00	80	Addittivi li fihom: – mhux aktar minn 70 % skont il-piż ta' 2,5-bis(tert-nonilditju)-[1,3,4]-tjandjażol (CAS RN 89347-09-1), u – aktar minn 15 % skont il-piż ta' 5-(tert-nonilditju)-1,3,4-tjadjażol-2(3H)-tjun (CAS RN 97503-12-3), għall-użu fil-manifattura ta' żjut għal-lubrifikazzjoni <sup>(1)</sup>	1.1.-31.12.	500 tunnellata	0 %
09.2814	ex 3815 90 90	76	Katalizzatur magħmul mid-dijossidu tat-titanju u t-tijossidu tat-titanju	1.1.-31.12.	3 000 tunnellata	0 %
09.2644	ex 3824 99 92	77	Preparat li jkun fih: – 55 % jew aktar, iżda mhux aktar minn 78 % ta' Glutarat Dimetiliku (CAS RN 1119-40-0), – 10 % jew aktar iżda mhux aktar minn 30 % ta' Adipat Dimetiliku u (CAS RN 627-93-0), u – mhux aktar minn 35 % ta' Suċċinat Dimetiliku (CAS RN 106-65-0)	1.1.-31.12.	10 000 tunnellata	0 %
09.2681	ex 3824 99 92	85	Taħlita ta' sulfuri ta' bis [3-(triethoxsilil)propyl] (CAS RN 211519-85-6)	1.1.-31.12.	9 000 tunnellata	0 %

Nru tal-Ordni	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Il-perjodu tal-kwota	L-ammont tal-kwota	Rata tal-kwota tad-dazju
09.2907	ex 3824 99 93	67	Taħlita ta' fitosteroli, fi trab, li fihom, skont il-piż: – 75 % jew aktar ta steroli, – mhux aktar minn 25 % ta' stanoli, għal użu fil-manifattura tal-istanoli/steroli jew stanoli/steroli esters <sup>(1)</sup>	1.1.-31.12.	2 500 tunnellata	0 %
09.2568	ex 3824 99 96	91	Taħlita, fil-forma ta' gerbub, li fiha skont il-piż: – 49 % jew aktar iżda mhux aktar minn 50 % ta' bis[3-(triethoxysilyl)propyl] polisulfuri (CAS RN 211519-85-6), u, – 50 % jew aktar iżda mhux aktar minn 51 % ta' karbonju iswed (CAS RN 1333-86-4), li minnhom 75 % jew aktar skont il-piż jgħaddu minn għarbiel b'apertura ta' 0,60 mm, iżda mhux aktar minn 10 % skont il-piż jgħaddu minn għarbiel b'apertura ta' 0,25 mm (kif determinat skont il-metodu ASTM D1511)	1.1.-31.12.	1 500 tunnellata	0 %

Nru tal-Ordni	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Il-perjodu tal-kwota	L-ammont tal-kwota	Rata tal-kwota tad-dazju
09.2820	ex 3827 90 00	10	<p>Taħlilitet li fihom skont il-piż:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>– 60 % jew aktar, iżda mhux aktar minn 90 % ta' 2-kloropropen (CAS RN 557-98-2),</li> <li>– 8 % jew aktar, iżda mhux aktar minn 14 % ta' (Z)-1-kloropropen (CAS RN 16136-84-8),</li> <li>– 5 % jew aktar, iżda mhux aktar minn 23 % ta' 2-kloropropan (CAS RN 75-29-6),</li> <li>– mhux aktar minn 6 % ta' 3-kloropropen (CAS RN 107-05-1), u</li> <li>– mhux aktar minn 1 % skont il-piż ta' klorur tal-etyl (CAS RN 75-00-3)</li> </ul>	1.1.-31.12.	6 000 tunnellata	0 %
09.2671	ex 3905 99 90	81	<p>Poli(butiral tal-vinil) (CAS RN 63148-65-2):</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>– li jkun fih bħala piż 17,5 % jew aktar, iżda mhux aktar minn 20 % ta' gruppi idrossiliu</li> <li>– li d-daqs medju ta' kull partiċella tiegħu (D50) teċċedi 0,6 mm</li> </ul>	1.1.-31.12.	12 500 tunnellata	0 %

Nru tal-Ordni	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Il-perjodu tal-kwota	L-ammont tal-kwota	Rata tal-kwota tad-dazju
09.2846	ex 3907 40 00	25	Taħlita ta' polimeri ta' polikarbonat u poli(metilmetakrilat) b'kontenut ta' polikarbonat ta' 98,5 % skont il-piż, f'forma ta' gerbub jew granuli, bi trażmittanza luminuża ta' mhux anqas minn 88,5 %, imkejla bl-użu ta' kampjun għall-ittejtjar ta' ħxuna ta' 4 mm b'tul tal-mewġa ta' $\lambda = 400$ nm (skont ISO 13468-2)	1.1.-31.12.	2 000 tunnellata	0 %
09.2585	ex 3907 99 80	70	Kopolimeru tal-poli(etilen tereftalat) u taċ-ċikloeżandimetanol, li fih aktar minn 10 % skont il-piż ta' ċikloeżandimetanol	1.1.-31.12.	60 000 tunnellata	2 %
09.2855	ex 3910 00 00	10	Poli (metilidrosilossan) likwidu bi gruppi terminali ta' trimetilsilik (CAS RN 63148-57-2) b'purità skont il-piż ta' 99,9 % jew aktar	1.1.-31.12.	500 tunnellata	0 %
09.2931	ex 3911 90 11	10	Poli(ossi-1,4-fenilensulfonil-1,4-fenilenossi-1,4-fenilenisopropiliden-1,4-fenilen) (CAS RN 25135-51-7 u CAS RN 25154-01-2), f'waħda mill-forom imsemmijin fin-nota 6(b) ta' dan il-kapitolu li fih mhux aktar minn 20 % ta' addittivi skont il-piż	1.1.-31.12.	6 300 tunnellata	0 %
09.2723	ex 3911 90 19	35	Poli(ossi-1,4-fenilensulfonil-1,4-fenilenossi-4,4'-bifenilen) (CAS RNs 25608-64-4 u 25839-81-0) li fih skont il-piż mhux aktar minn 20 % ta' addittivi	1.1.-31.12.	5 000 tunnellata	0 %
09.2816	ex 3912 11 00	20	Frak tal-aċetat taċ-ċellulożju	1.1.-31.12.	75 000 tunnellata	0 %

Nru tal-Ordni	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Il-perjodu tal-kwota	L-ammont tal-kwota	Rata tal-kwota tad-dazju
09.2573	ex 3913 10 00	20	<p>Alġinat tas-sodju estratt mill-alka kannella (CAS RN 9005-38-3), b':</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>– telf fit-tnixxif ta' mhux aktar minn 15 % skont il-piż (4 sīgħat f 105 °C),</li> <li>– frazzjoni li ma tinħallx fl-ilma ta' mhux aktar minn 2 % skont il-piż, ikkalkulata fuq il-piż xott</li> </ul>	1.1.-31.12.	2 000 tunnellata	0 %
09.2641	ex 3913 90 00	87	<p>Ijaluronat tas-sodju, mhux sterili:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>– b' piż medju skont il-piż molekulari (Mw) li ma jaqbiżx 900 000,</li> <li>– b'livell ta' endotossin li ma jaqbiżx 0,008 unitajiet ta' Endotossin (EU)/mg,</li> <li>– b'kontenut ta' etanol li ma jaqbiżx 1 % skont il-piż,</li> <li>– b'kontenut ta' isopropanol li ma jaqbiżx 0,5 % skont il-piż</li> </ul>	1.1.-31.12.	300 kg	0 %
09.2661	ex 3920 51 00	50	<p>Folji ta' polimetilmetakrilat konformi mal-istandardi:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>– EN 4364 (MIL-P-5425E) u DTD5592A, jew</li> <li>– EN 4365 (MIL-P-8184) u DTD5592A</li> </ul>	1.1.-31.12.	100 tunnellata	0 %

Nru tal-Ordni	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Il-perjodu tal-kwota	L-ammont tal-kwota	Rata tal-kwota tad-dazju
09.2645	ex 3921 14 00	20	Blokka ċellulari ta' ċellulosa riġenerata, mimlija bl-ilma li jkun fih klorur tal-manjeżju u kompost tal-ammonju kwaternarju tad-daqs ta' 100 cm ( $\pm 10$ cm) x 100 cm ( $\pm 10$ cm) x 40 cm ( $\pm 5$ cm)	1.1.-31.12.	1 700 tunnellata	0 %
09.2572	ex 5205 26 00 ex 5205 27 00	10 10	Ħjut singoli ta' qoton abjad mhux maħdum  – ta' fibri mimxuta, – b'tul medju tal-fibra ta' 36,5 mm jew aktar, – prodott permezz tal-proċess kumpatt tat-tidwir taċ-ċirku b'kompressjoni pnewmatika, – b'reżistenza għat-tiċċit ta' 26,5 cN/tex jew aktar (skont ISO 2062: 2009, b'veloċità ta' 5,000 mm/min)	1.1.-31.12.	50 000 tunnellata	0 %
09.2848	ex 5505 10 10	10	Fdal ta' fibri sintetiċi (li jinkludi fibri li jibqgħu fil-moxt, fdal tal-ħjut u materjal "garnetted") ta' najlon jew ta' poliammidi oħra (PA6 u PA66)	1.1.-31.12.	10 000 tunnellata	0 %

Nru tal-Ordni	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Il-perjodu tal-kwota	L-ammont tal-kwota	Rata tal-kwota tad-dazju
09.2721	ex 5906 99 90	20	<p>Drapp tat-tessut bil-lastiku minsuġ u laminat bil-karatteristiċi li ġejjin: bi tliet saffi,</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>– saff wieħed ta' barra magħmul minn drapp tal-akrilik,</li> <li>– is-saff l-ieħor ta' barra magħmul minn drapp tal-poliesteर,</li> <li>– is-saff tan-nofs huwa magħmul mil-lastiku tal-klorobutil,</li> <li>– is-saff tan-nofs għandu piż ta' 452 g/m<sup>2</sup> jew aktar iżda mhux aktar minn 569 g/m<sup>2</sup>,</li> <li>– id-drapp tat-tessut għandu piż totali ta' 952 g/m<sup>2</sup> jew aktar iżda mhux aktar minn 1159 g/m<sup>2</sup>, u</li> <li>– id-drapp tat-tessut għandu ħxuna totali ta' 0,8 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 4 mm,</li> <li>– id-drapp tat-tessut għandu ħxuna totali ta' 0,8 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 4 mm,</li> </ul> <p>użat għall-manifattura tas-saqaf li jitla' u jinżel tal-vetturi bil-mutur<sup>(1)</sup></p>	1.1.-31.12.	375 000 m <sup>2</sup>	0 %
09.2628	ex 7019 66 00	10	Xibka tal-ħġieġ minsuġa minn fibri tal-ħġieġ miksija bil-plastik, b'piż ta' 120 g/m <sup>2</sup> ( $\pm 10$ g/m <sup>2</sup> ), tat-tip li jintuża fir-rolling insect screens bil-qafas fiss	1.1.-31.12.	3 000 000 m <sup>2</sup>	0 %

Nru tal-Ordni	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Il-perjodu tal-kwota	L-ammont tal-kwota	Rata tal-kwota tad-dazju
09.2652	ex 7409 11 00 ex 7410 11 00	30 40	Fojl u strixxi tar-ram raffinat, manifatturati permezz tal-elettroliżi, bi ħxuna ta' 0,015-il mm jew aktar	1.1.-31.12.	1 020 tunnellata	0 %
09.2662	ex 7410 21 00	55	Pjanċi: – magħmulin minn tal-anqas saff wieħed ta' tessut tal-fibra tal-ħġieġ mimli bir-reżina tal-epossidu, – miksija fuq naħa waħda jew iż-żewġ naħat bil-fojl tar-ram bi ħxuna ta' mhux aktar minn 0,15 mm, – b'kostant dielettriċi (DK) ta' anqas minn 5,4 f1 MHz, kif imkejjel skont IPC-TM-650 2.5.5.2, – b'tanġenti tat-telf ta' anqas minn 0,035 f1 MHz, kif imkejjel skont IPC-TM-650 2.5.5.2, – b'indiċi komparativ ta' trekkjar (CTI) ta' 600 jew aktar	1.1.-31.12.	80 000 m <sup>2</sup>	0%
09.2835	ex 7604 29 10	30	Folji jew vireg tal-alojs ta' aluminju-litjuta' diametru ta' 300,1 mm jew aktar, iżda mhux aktar minn 533,4 mm	1.1.-31.12.	1 000 tunnellata	0 %

Nru tal-Ordni	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Il-perjodu tal-kwota	L-ammont tal-kwota	Rata tal-kwota tad-dazju
09.2736	ex 7607 11 90 ex 7607 11 90 ex 7607 11 90 ex 7607 11 90	75 77 78 79	Strixxa jew fojl illigati tal-aluminju u tal-manjeżju:  – ta' liga li tikkonforma mal-istandardi 5182-H19 jew 5052-H19, – f'rombli b'dijametru estern ta' minimu ta' 1 250 mm iżda mhux aktar minn 1 350 mm, – ta' īxuna (tolleranza - 0,006 mm) ta' 0,15 mm, 0,16 mm, 0,18 mm jew 0,20 mm, – ta' wisa' (tolleranza $\pm$ 0,3 mm) ta' 12,5 mm, 15,0 mm, 16,0 mm, 25,0 mm, 35,0 mm, 50,0 mm jew 356 mm, – b'tolleranza kamber ta' mhux aktar minn 0,4 mm/750 mm, – ta' kejl tal-pjan: I-unità $\pm$ 4, – b'reżistenza għat-tensjoni ta' aktar minn (5182-H19) 365 MPa jew (5052-H19) 320 MPa, u – ta' elongazzjoni A50 ta' aktar minn (5182-H19) 3 % jew għall-użu fil-manifattura tal-paletti għall-blinds <sup>(1)</sup>	1.1.-31.12.	600 tunnellata	0 %

Nru tal-Ordni	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Il-perjodu tal-kwota	L-ammont tal-kwota	Rata tal-kwota tad-dazju
09.2722	8104 11 00		Manjeżju mhux maħdum, li fih talanqas 99,8 % skont il-piż tal-manjeżju	1.1.-31.12.	120 000 tunnellata	0 %
09.2840	ex 8104 30 00	20	<p>Trab tal-manjeżju:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>– ta' purità skont il-piż ta' 98 % jew aktar, iżda mhux aktar minn 99,5 %, u</li> <li>– b'daqs tal-partiċella ta' 0,2 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 0,8 mm</li> </ul>	1.1.-31.12.	2 000 tunnellata	0 %
09.2629	ex 8302 49 00	91	Manku teleskopiku tal-aluminju għall-użu fil-manifattura tal-bagalji <sup>(1)</sup>	1.1.-31.12.	1 500 000 biċċa	0 %
09.2720	ex 8413 91 00	50	<p>Pump head għal pompa bi pressjoni għolja b'żewġ ċilindri magħmula mill-azzar maħdum b':</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>– fittings bil-kamin imħaffer b'dijametru ta' 10 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 36,8 mm, u</li> <li>– kanali tal-fjuwil imtaqqbin b'dijametru ta' 3,5 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 10 mm</li> </ul> <p>tat-tip użat fis-sistemi tal-injezzjoni tad-diżil</p>	1.1.-31.12.	65 000 biċċa	0 %

Nru tal-Ordni	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Il-perjodu tal-kwota	L-ammont tal-kwota	Rata tal-kwota tad-dazju
09.2569	ex 8414 90 00	80	Housing tar-roti b'turboċārger ta' liga tal-aluminju fonduj jew ħadid fondu: <ul style="list-style-type: none"><li>– b'reżistenza għas-sħana sa 400 °C,</li><li>– b'toqba ta' 30 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 300 mm biex tiddaħħal ir-rota tal-kompressur, għall-użu fl-industrija tal-karozzi<sup>(1)</sup></li></ul>	1.1.-31.12.	4 000 000 biċċa	0 %
09.2570	ex 8482 91 90	10	Rombli bi profil logaritmiku u b'dijametru ta' 25 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 70 mm jew blalen b'dijametru ta' 30 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 100 mm, <ul style="list-style-type: none"><li>– magħmula minn azzar 100Cr6 jew azzar 100CrMnSi6-4 (ISO 3290),</li><li>– b'devjazzjoni ta' 0,5 mm jew inqas kif determinat skont il-metodu FBH għall-użu fl-industrija tat-turbini eoliċi<sup>(1)</sup></li></ul>	1.1.-31.12.	600 000 biċċa	0 %

Nru tal-Ordni	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Il-perjodu tal-kwota	L-ammont tal-kwota	Rata tal-kwota tad-dazju
09.2738	ex 8482 99 00	30	Gagęg tar-ram bil-karatteristiċi li ġejjin: – ikkastjati bis-sistema kontinwa jew b'mod ċentrifugu, – itturnjati, – li skont il-piż fihom 35 % jew aktar, iżda mhux aktar minn 38 % ta' żingu, – li skont il-piż fihom 0,75 %, iżda mhux aktar minn 1,25 % ta' ċomb, – li fihom skont il-piż 1,0 % jew aktar, iżda mhux aktar minn 1,4 % ta' aluminju, u – b'reżistenza għat-tensjoni ta' 415 Pa jew aktar, tat-tip użat għall-manifattura tal-bolberings	1.1.-31.12.	50 000 biċċa	0 %
09.2857	ex 8482 99 00	50	Anelli ta' ġewwa u ta' barra magħmula mill-azzar, mhux misnuna, anell ta' barra b'raceway(s) interna/i, anell ta' ġewwa b'raceway(s) esterna/i, b'dijametri esterni ta': – 14-il mm jew aktar iżda mhux aktar minn 77 mm għall-anell ta' ġewwa, u – 26 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 101 mm għall-anell ta' barra għall-użu fil-manifattura tal-bearings <sup>(1)</sup>	1.1.-30.6.	12 000 000 kg	0 %

Nru tal-Ordni	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Il-perjodu tal-kwota	L-ammont tal-kwota	Rata tal-kwota tad-dazju
09.2924	ex 8501 31 00	80	<p>Attwatur elettroniku magħmul minn:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>– mutur DC li jkollu potenza elettrika ta' inqas minn 600 W,</li> <li>– għall-użu bi provvista ta' vultaggħġi ta' 12-il V sa 48 V,</li> <li>– b'konnessjoni bil-mutur (konnessjoni plug-in),</li> <li>– b'sensur tal-pożizzjoni mingħajr kuntatt,</li> <li>– mibnija f'qafas rettangolari ta' wisa' inqas minn 100 mm u tul ta' inqas minn 150 mm, b'ger u lieva ta' riduzzjoni mwahħħla max-xaft tat-trażmissjoni bil-mutur jew</li> <li>– f'qafas ċilindriku ta' tul inqas minn 150 mm u b'dijametru ta' inqas minn 100 mm, bi ħjut integrati fir-rotor tal-mutur għall-moviment linear tal-virga ta' kontroll integrata</li> </ul>	1.1.-31.12.	650 000 biċċa	0 %

Nru tal-Ordni	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Il-perjodu tal-kwota	L-ammont tal-kwota	Rata tal-kwota tad-dazju
09.2763	ex 8501 40 20 ex 8501 40 80	65 60	Mutur elettriku AC, monofażi, bil-kommunitatur jew mingħajru  – b'output nominali ta' 180 W jew aktar, – b'potenza ta' input ta' 150 W jew aktar iżda ta' mhux aktar minn 2 700 W, – b'dijametru estern ta' aktar minn 120 mm ( $\pm 0.2$ mm) iżda ta' mhux aktar minn 135 mm ( $\pm 0.2$ mm), – b'veloċità nominali ta' aktar minn 10 000 rpm iżda ta' mhux aktar minn 50 000 rpm, – kemm jekk mgħammar b'ventilatur għall-arja u kemm jekk le, – kemm b'apparat mekkaniku jew mingħajru (pinion, viti, konnessjoni tal-gerijiet eċċ.) fuq ix-xaft, għall-użu fil-manifattura tal-apparati domestiċi <sup>(1)</sup>	1.1.-31.12.	2 000 000 biċċa	0 %
09.2672	ex 8529 90 92 ex 9405 42 31	75 70	Bord ta' ċirkwit stampat b'diodes LED:  – kemm jekk mgħammra b'priżmi/lenti kif ukoll jekk le, u – kemm jekk mgħammra b'konnetturi(i) kif ukoll jekk le għall-manifattura ta' unitajiet tar-retroluminazjoni għal oġġetti ta' titlu 8528 <sup>(1)</sup>	1.1.-31.12.	115 000 000 biċċa	0 %

Nru tal-Ordni	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Il-perjodu tal-kwota	L-ammont tal-kwota	Rata tal-kwota tad-dazju
09.2574	ex 8537 10 91	73	<p>Apparat multifunzjonali (sett ta' strumenti)</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>– b'unità ta' displej TFT-LCD ikkurvata (raġġ ta' 750 mm) b'superfiċi tattili,</li> <li>– b'mikroproċessuri u ċipep tal-memorja,</li> <li>– b'modulu akustiku u loudspeaker,</li> <li>– b'konnessjonijiet għal CAN, 3 x LIN bus, LVDS u Ethernet,</li> <li>– għall-operat ta' diversi funzionijiet (eż. xażi, tidwil), u</li> <li>– għad-displej ta' data dwar il-vettura u n-navigazzjoni skont is-sitwazzjoni (eż. il-veloċità, l-odometru, il-livell taċ-ċarġ tal-batterija tat-trazzjoni),</li> </ul> <p>biex jintuża fil-manifattura tal-karozzi tal-passiġġieri li jaħdmu biss permezz ta' mutur elettriku koperti bis-subintestatura tas-SA 8703 80<sup>(1)</sup></p>	1.1.-31.12.	66 900 biċċa	0 %
09.2910	ex 8708 99 97	75	Brekit ta' appoġġ tal-ħadid jew tal-azzar, b'toqob tal-immuntar, bi skorfini ta' twaħħil jew mingħajrhom, maħsuba biex twaħħal il-gerboks mal-karozzerija għall-użu fil-manifattura ta' oġġetti tal-Kapitolu 87 <sup>(1)</sup>	1.1.-31.12.	200 000 biċċa	0 %

Nru tal-Ordni	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Il-perjodu tal-kwota	L-ammont tal-kwota	Rata tal-kwota tad-dazju
09.2668	ex 8714 91 10 ex 8714 91 10 ex 8714 91 10	21 31 75	Qafas ta' rota, mibni mill-fibri tal-karbonju u mir-reżina artifiċjali, għall-użu fil-manifattura tar-roti (inklużi r-roti elettriċi) <sup>(1)</sup>	1.1.-31.12.	600 000 biċċa	0 %
09.2564	ex 8714 91 10 ex 8714 91 10 ex 8714 91 10	25 35 77	Frejm, maħdum mill-aluminju jew minn fibri tal-aluminju u tal-karbonju u r-reżina artifiċjali, għall-użu fil-manifattura tar-roti (inklużi roti elettriċi) <sup>(1)</sup>	1.1.-31.12.	9 600 000 biċċa	0 %

Nru tal-Ordni	Il-kodiċi tan-NM	TARIC	Deskrizzjoni	Il-perjodu tal-kwota	L-ammont tal-kwota	Rata tal-kwota tad-dazju
09.2579	ex 9029 20 31 ex 9029 90 00	40 40	Pannell tal-strumenti clustered: – b'muturi pass pass, – b'pointers u kwadranti analogi, – jew mingħajr konsol mikroproċessur, – jew mingħajr indikaturi LED jew unità tal-wiri LED – li juri mill-inqas: – li juri mill-inqas: – il-veloċità, – ir-rotazzjonijiet tal-magna, – it-temperatura tal-magna, – il-livell tal-fjuwil, – li jikkomunika permezz tal-protokolli CAN-BUS u/jew K-LINE, għall-użu fil-manifattura tal-oġġetti tal-Kapitolu 87 <sup>(1)</sup>	1.1.-31.12.	160 000 biċċa	0 %

- (1) Is-sospensjoni tad-dazji hija soġġetta għal superviżjoni doganali tal-użu finali f'konformità mal-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.
- (2) Madankollu, is-sospensjoni tat-tariffi doganali ma għandhiex tapplika meta l-ipproċessar isir minn impriżzi tal-forniment tal-ikel jew li jbiegħu bl-imnut.”.
-